# IL-FESTA TAL-BAMBINA FL-IMGHODDI

F'dan il-ktejjeb is-sena l-oħra ktibt dwar is-sehem tal-Banda 'La Vittoria' f'Għawdex. Għalhekk ma' d-dati li kont tajt rrid inżid dik ta' l-1927 meta l-banda 'La Vittoria' kienet ħadet sehem ukoll fil-festa ad unur San Ġwann Battista li saret fix-Xewkija. [1] Madankollu rrid ukoll nippreċiża s-sena 1986 mniżżla fl-artiklu tiegħi 'Is-Sehem tal-Banda La Vittoria tal-Mellieħa f'Għawdex'. Għalhekk is-sena 1986 trid tiġi sostitwita bis-sena 1987.

Din is-sena se ngħati xi tagħrif zgħir b'konnessjoni mal-festa tal-Bambina tas-sena 1884 u s-sehem ta' xi baned oħra Għawdxin – barra dik tal-Banda Leone li dwarha diġà ktibt – li fl-imgħoddi ħadu sehem fil-festa tal-Vittorja tal-Mellieħa.

**FESTA TA' L-1884**

Fis-sena 1884, fil-Mellieħa kienet għaddejja ħidma kbira mill-Kappillan, Dun Franġisk Magri, biex jiġbor fondi biżżejjed biex seta' jkompli għaddej bil-bini tal-knisja l-ġdida, jiġifieri l-knisja parrokkjali ta' llum. Iżda, għalkemm, il-Kappillan kien qala' kontribuzzjoni ta' Lm5 fix-xahar mingħand l-Arċisqof ta' Malta, *'... che da quelli di Mons Arcivescono, il quale non ne contribuisce come sentiamo che sole £5 il mese...'*, [2] ma naqasx li jagħmel appell lil dawk iċ-ċittadini kollha li riedu b'xi mod jikkontribwixxu l-flus b'risq il-bini tal-knisja l-ġdida, *'... alla carità di tutti i suoi concittadini per ottenere aiuti che lo mettano in grado di completare la fabbrica della nuova chiesa...'.* [3]

Madankollu, iċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' Marija Bambina tas-sena 1884 ma naqsitx li tiġi ċċelebrata bl-akbar sollenità. Il-Kappillan Magrikien mexxa l-funzjonijiet reliġjużi fil-knisja waqt li l-paneġierku ta' nhar il-festa kien sar minn Dun Anton Falzon, qassis żagħżugħ, *'... il panegierco detto da un giovane ecclesiastico...".* [4]

Il-Mużika li ħadet sehem matul il-jiem tal-festa kienet dik tal-Professur Francesco Decesare. [5]

Fil-festi esterni, barra li kien hemm mixgħela u l-logħob tan-nar, kienet ukoll ħadet sehem il-banda tal-Belt Valletta 'La Nazionale Vincitrice", l-King's Own ta' llum.[6] Din kienet esegwiet programm mużikali taħt it-tmexxija tas-surmast direttur tagħha, Mro Filippu Galea, u fost il-bċejjeċ mużikali daqqet l-Innu, *"Inno al Patriarca San Domenico"*, li kien ikkompona u rregala lill-banda "Nazionale Vincitrice", Mro Giuseppe Privitera, Taljan *'... come pure colle scelte melodie della brava Società Filarmonica Nazionale Vincitrice, diretta da quell' egregio maestro che tutti conosciamo il signor Filippo Galea. È stato esegwiot il bell' inno del celebre maestro Privitera, quello stesso scritot per festività di S. Domenico, però, con versi inlode della Vergine'.* Kif wieħed seta' jinnota li l-Innu ta' Mro. Privitera li kellu l-versi ad unur San Duminku, fil-festa tal-Bambina ndaqq b'versi ad unur il-Madonna. [7] Il-ħlas għall-banda għas-sena 1884 kien ta' 50 skud. [8]

> Anche alla Melleha si è celebrata con pompa la festa della Vittoria. Oltre la solennità religiosa celebrata in Chiesa vi furono illuminazioni, bande musicali e fuochi pirotecnici. Merita grande lode il Rev. Parroco Don F. Magri alla cui indefessa attività e zelo si deve in gran parte la riuscita della festa. Ci si dice che la *Banda della Stella* del Gozo abbia suonato in quel casale risquotendo la pubblica ammirazione.

*Silta mill-ġurnal MALTA, 11.9.1885 dwar il-festa tal-Vitorja - Mellieħa.*

Għadd kbir ta' nies kienu attendew għall-festa tal-Bambina fil-Mellieħa f'din is-sena li s-suċċess tagħha kien prinċipalment dovut għal ħidma tal-kappillan Dun F. Magri u l-prokuratur Filippu Buttigieg. [9]

**BANED GĦAWDXIN FIL-FESTA**

Kif ġa rajna għall-festa ta' l-1884 il-KappillanMagri kien stieden u fil-fatt ħadet sehem il-banda "La Nazionale Vincitrice' tal-Belt Valletta. Fis-sena ta' wara, 1885,insibu li ħadu sehem 'bande musicali'.[10]

Waħda minn dawn il-baned kienet il-banda 'La Stella ta' Għawdex, *'... Ci si dice che la banda della Stella del Gozo abbia suonato in quel casale...'.* [11] Ta' min jgħid li dinkienet l-ewwel darba li l-banda 'La Stella' ta' Għawdex qassmet għal Malta. Fis-sena 1885 kien sar ħlas ta' 66 skud għas-sehem tal-baned fil-festa tal-Vitorja tal-Mellieħa. [12]

Darba oħra lil-banda 'La Stella' ta' Għawdex ħadet sehem f'din il-festa kien fis-sena 1927 meta esegwiet programm mużikali taħt it-tmexxija tas-surmast Giuseppe Giardini Vella (1895-1974). Dak in-nhar, fost mużika oħra, l-banda 'La Stella' daqqet Intermezz u

Walz mill-operetta 'Cour di Ben' u l-marcia Militare '8 Settembre', it-tnejn komposti minn Mro. G. Giardni Vella.[13]

Għaqda mużikali oħra Għawdxija li ħadet sehem fil-festa tal-Bambina kienet dik ta' 'San Ġużepp' ta' Għajnsielem. Dan seħħ fis-sena 1967, meta l-banda għamlet marċ u programm taħt it-tmexxija ta' Mro. Ġużeppi Farrugia (1936-1992), surmast direttur tal-banda.[14]

Dan it-tagħrif, għalkemm limitat, dwar il-festa tal-Vitorja fl-imgħoddi jagħtina ħjiel ta' dak li għamlu ta' qabilna ad unur il-Madonna fil-Mellieħa.

Grezzju Grech

Referenzi:


1. Malta, 18.6.1927.
2. Risorgimento, 12.9.1884.
3. Malta, 6.8.1884.
4. Ark. Parr. Mellieħa: Lib. Esito Vener. Lampada,Libr. B: Esito della Solennità del Titolare, sena 1884; Risorgimento: 9.9.1884.
5. Risorgimento, 9.9.1884.
6. Risorgimento, 6, 9.9.1884.
7. Risorgimento, 9.9.1884.
8. Ark. Parr. Mellieħa: Lib. Esito opus cit.
9. Risorgimento, 9.9.1884.
10. Malta, 11.9.1885.
11. L-istess.
12. Ark. Parr. Mellieħa: Lib. Esito op. cit., sena 1885.
13. Malta, 6.9.1927.
14. Il-Berqa, 7.9.1967